MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 67/2006

Frank Azzopardi bħala mandatarju ta'
l-imsefrin Mary mart Coronato Attard,
Ġemma mart Joseph Attard, Joseph,
Anthony, u Felix ilkoll aħwa Saliba .

VS

Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex .

Il-Qorti ,

Rat ir-rikors, li permezz tiegħu r-rikorrenti Frank Azzopardi wara li ppremetta :

Illi fl-att tal-mewt ta' Carmelo Saliba bin-numru progressiv ta' mitejn u tmienja u għoxrin tas-sena elf disa' mija u tlieta u tletin (228/1933) (dokument A) fil-kolonna ntestata jekk *għazeb/xebba miżżewweġ/miżżewġa/armel/armla* hija erronjament indikata bħala *moglie di Carmelo* mentri fil-fatt żewġha kien jismu Salvatore kif anke jirriżulta mill-att

taż-żwieġ tagħhom bin-numru progressivi ta' disa' u erbgħa u sebgħin tas-sena elf disa' mija u wieħed (974/1901) (dokument B) kif ukoll mir-reġistru tal-mewt tal-parroċċa taż-Żebbuġ, Għawdex (dokument C) .

Illi l-imsemmija Carmela Saliba mietet intestata u fost il-werrieta tagħha kien hemm binha Ganni Saliba . Dan miet u s-suċċessjoni tiegħu hija rregolata permezz ta' testment tas-7 ta' Diċembru 1067 li permezz tiegħu ħatar lil uliedu bħala werrieta tiegħu . Dawn l-ulied huma r-rikorrenti Mary mart Coronato Attard, Ġemma mart Joseph Attard, Joseph, Anthony u Felix ilkoll aħwa Saliba .

Talab lil din il-Qorti ;

*1.* Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' Carmela Saliba bin-numru progressiv ta' mitejn u tmienja u għoxrin (228/1933) (Dokument A) billi fil-kolonna ntestata jekk *għazeb/xebba miżżewweġ/miżżewġa/armel/armla* il-kliem *moglie di Carmelo* jiġu sostitwiti bil-kliem *moglie di Salvatore .*

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni .

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors, u ċioe' bħala dokument A, att tal-mewt rilaxxjat mir-Reġistru Pubbliku rigward Carmela Saliba, bħala dokument B, att taż-żwieġ rilaxxjat mill-istess Reġistru Pubbliku rigward Carmela Saliba, bħala dokument C, estratt mir-Reġistru tal-mewt tal-Parroċċa taż-Żebbuġ, li jiċċertifika l-mewt ta' Carmela Saliba; bħala dokument D, att tat-twelid rilaxxjat mir-Reġistru Pubbliku, rigward l-istess Carmela Saliba, bħala dokument E, att tal-mewt ta' Salvatore Saliba; u bħala dokument F, testment ta' John Saliba; u bħala dokument G, H, I, J u K, prokuri rilaxxjati rispettivament minn Mary Attard, Gemma Attard, Joseph Saliba, Anthony Saliba, u Felix Saliba, favur ir-rikorrenti Frank Azzopardi; bħala dokument L, finalment testment ta' John Saliba .

Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-konvenut, illi ġġib id-data tad-dsatax (19) ta' Lulju, 2006 .

Rat ukoll id-degriet tagħha tat-23 ta' Ġunju 2006, li permezz tiegħu awtorizzat lir-rikorrent nomine jipproċedi b'dawn il-proċeduri permezz ta' l-għajnuna legali .

Rat ukoll in-nota tal-lum ta' l-attur li permezz tagħha esebixxa bħala dokument Hm ċertifikat tal-mewt maħruġ mill-istat ta' Victoria, l-Awstralja, rigward l-imsemmi John Saliba .

Il-Qorti għal hekk wara li eżaminat fir-reqqa dawn iċ-ċertifikati u dokumenti oħra esebiti, u peress illi jidher illi l-attur nomine għandu raġun fit-talbiet tiegħu, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' Carmela Saliba, li jġib in-numru progressiv ta' mitejn tmienja u għoxrin ta' l-elf disa' mija tlieta u tletin (228/1933), billi fil-kolonna ntestata "jekk hux *għażeb jew xebba, miżżewweġ/miżżewġin, armel jew armla*", il-kliem "*moglie di Carmelo*", jiġu sostitwiti bil-kliem "*moglie di Salvatore" .*

In vista tan-natura ta' din il-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------